**Manufacturing in Gozo – Webinar organizzat mill-GRDA**

**How manufacturers in Gozo can Adapt for Success Amid Rising Uncertainty**

Daniel Borg L-Erbgħa 20 ta' Frar 2024

---

L-ewwel nett grazzi lill-GRDA tal-istedina li għamlitli llum. Il-paper li ġiet ppreżentata u qed tiġi diskussa llum toffrilna ħafna informazzjoni u wkoll sfidi, minħabba żewġ fatturi prinċipali: (a) li hi mhux biss tanalizza kif żviluppat il-manifattura f'Għawdex f'dawn l-aħħar snin; (b) imma wkoll toffri soluzzjonijiet u prospetti ta' kif nistgħu nħarsu 'il quddiem. F'dan il-kuntest ħadt pjaċir nisma' kemm il-preżentazzjoni tas-Sur Ivan Ebejer, u kif ukoll l-intervent tal-Professur Daniel Gravino.

Naħseb din il-*paper* għandha tittieħed ukoll fil-kuntest ta' *paper* oħra ppreżentata mill-GRDA s-sena l-oħra dwar 'Employment and Skills in Gozo'. Punt li kien ħareġ minn dik il-*paper* kienet rigward il-*low skills equilibrium trap*, li juri li f'Għawdex mhux qed inrawmu biżżejjed ħiliet ta' valur miżjed għoli. U naħseb li r-riċerka li ġiet ippreżentata llum tkompli ssaħħaħ dan il-punt, u għalhekk naħseb li kemm bħala entitajiet responsabbli għall-politika reġjonali u nazzjonali, u kemm bħala korpi kostitwiti għandna nkomplu naħdmu f'din id-direzzjoni.

L-inċertezza ta' madwarna turina li ma nistgħux nibqgħu wieqfa fil-mudelli tal-passat, imma għandna nħarsu lejn mudelli ġodda. M'għandniex inħarsu lejn l-isfidi bħala punt negattiv imma bħala opportunita' biex inkomplu nikbru. Jekk nibqgħu fil-*comfort zone* tagħna ħa nkomplu niċkienu. Nistgħu nikbru biss jekk insibu mudelli ġodda, nipprovaw u nadattaw, forsi anke bl-iżbalji imma nipprovaw.

Bħala poplu insulari din is-sitwazzjoni tista' tnissel fina biża, imma kif ħafna nies fl-industrija huma konxji tista' toħloq fina reżiljenza li tgħinna nadattaw. U kif muri anke hawn f'din il-paper hawn mudelli ġodda, u teknoloġija li nistgħu nħarsu lejhom, u li jistgħu u għandhom jgħinuna biex negħlbu l-isfidi marbuta mal-insularita'.

Din il-*paper* imma turi punti mportanti li xtaqt nerġa' nsemmihom ftit:

- It-tnaqqis tal-importanza tal-manifattura tul iż-żmien, speċjalment fil-perijodu bejn l-1980 u l-2010;
- Preżenza ikbar tal-manifattura fis-setturi tal-ikel u x-xorb, li mill-istudji preżenti ma tantx jagħti lok għall-manifattura ta' valur miżjud għoli;
- Għalkemm il-proporzjon li tikkontribwixxi l-manifattura lill-valur miżjud gross ta' Għawdex naqas, l-ammont żdied. Il-proporzjon naqas għax ċertu setturi bħal kostruzzjoni u l-amministrazzjoni pubblika żdied;

- Dawk l-industriji li fuq livell nazzjonali jikkontribwixxu l-iktar lill-valur gross miżjud, f'Għawdex huma nieqsa. U għalhekk għalkemm il-produttivita' ta' dan is-settur żdiedet, id-differenza fil-produttivita' kompliet tiżdied.
- Li l-ikber investiment magħmul mill-kumpaniji tal-manifattura f'Għawdex huwa ġeneralment fil-makkinarju.
- Li l-iktar żewġ fatturi li jixprunaw l-investiment fis-settur tal-manifattura huma: (a) l-ħtieġa li tikber il-produttivita'; u (b) d-domanda tas-suq.
- Li l-livell ta' esportazzjoni fis-settur tal-manifattura f'Għawdex huwa wieħed baxx;
- Li anke fis-setturi preżenti jeżisti ċertu livell ta' riċerka u innovazzjoni;
- Li jidher li hemm sentiment pożittiv għan-negozju tagħhom għat-tlett snin li ġejjin.
- L-isfidi prinċipali jidhru li huma dawk marbuta mar-riżorsa umana, il-valur tal-materja prima u l-enerġija, u l-isfidi marbuta mat-trasport u l-loġistika;
- Li għalkemm l-intrapriżi beħsiebhom jinvestu fit-teknoloġija, jidher li hemm inqas ħsieb biex jinvestu f'teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet, u li dawn ma jitqiesux bħala rilevanti għall-kompetitivita';
- It-trasport u l-konnettivita' jibqgħu fatturi mportanti għal min jaħdem fis-settur tal-manifattura;
- Element importanti muri f'din ir-riċerka hija d-distanza virtwali li tikkunsidra mhux biss id-distanza ġeografika, imma wkoll tinkludi il-ħin biex wieħed jivjaġġa minn gżira periferika għaċ-ċentru tal-Ewropa. Jekk ikollok tinkludi dawn il-fatturi d-distanza tirdoppja;
- Element importanti ieħor muri fir-riċerka huwa li wieħed minn kull tlett Għawdxin għandu ħiliet baxxi. Il-persentaġġ huwa għoli meta kkumparat ma' Malta, u ma' pajjiżi Ewropej. Il-persentaġġ ta' studenti f'Għawdex li qed jipparteċipaw fl-edukazzjoni vokazzjonali huwa wkoll ferm iktar baxx.

F'dan il-kuntest kif għandu jirreaġixxi s-settur tal-manifattura? U fuq din nixtieq nagħmel xi punti ta' riflessjoni:

- Il-ħtieġa li ninvestu fil-logistika u l-ippjanar. Ħadd per eżempju ma kien qed jantiċipa l-krizi ta' Suez li qed tkompli tgħolli l-ispejjeż tat-trasport. Il-manifattura trid tara li ma tkunx tiddependi biss fuq sors wieħed imma trid tara wkoll li jkollha sorsi alternattivi minn fejn timporta. Huwa f'dan il-kuntest ukoll ta' diversi kriżijiet globali li l-Ewropa qed timplimenta strateġija fejn qed tipprova terġa' ssaħħaħ l-industrija stabbilita fl-Ewropa speċjalment f'setturi kruċjali bħalma hi l-produzzjoni ta'*semiconductors.*
- Li s-settur tal-ikel u x-xorb għalkemm forsi joffri valur miżjud inqas huwa wkoll l-iktar settur marbut ma' din il-gżira, u għalhekk nemmen li huwa settur li baqagħlu ħafna x'joffri lill-gżiritna. Jidher ukoll li hu wieħed mis-setturi li qed jagħraf jaqra l-andament tas-suq u jadatta għalih. Jidher ukoll li qed jagħraf mill-ġdid l-importanza tal-għeruq u qed jerġa' jadatta ċertu prodotti lokali għall-produzzjoni iktar estensiva.
- Ippreokkupani n-nuqqas ta' perspettiva li l-intrapriżi jinvestu f'teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet. Dan juri li mhux qed jagħrfu l-impatti tar-rappurtaġġ meħtieġ fuq kriterji marbuta ma' kriterji ambjentali, soċjali u dawk marbuta mal-

governanza. Għalkemm dan ir-rappurtaġġ huwa obbligatorju għall-kumpaniji kbar u għalhekk mhux intiz li jolqot kumpaniji Għawdxin, il-kumpaniji kbar huma obbligati li jirrappurtaw fuq is-*supply chain* tagħhom. Min ma jmurx jieħu *loan* minn bank? Jew min jesporta, mhux jesporta lil *chains* jew kumpaniji ikbar? Dawn il-kumpaniji skont Direttiva tal-Unjoni Ewropea jridu jirrappurtaw fuq *is-supply chain* tagħhom, u għalhekk se jkunu qed jeżiġu li l-kumpaniji li magħhom ikunu jaħdmu ikunu mexjin ma' ċerti kriterji ambjentali, soċjali, u ta' governanza. U dan juru li aħna bħala Korpi kostitwiti rridu nkomplu naħdmu biex inkabbru l-għarfien fost in-negozji.

- Imma ma nistgħux nieqfu hawn. Il-*paper* issemmi l-*additive manufacturing* bħala settur potenzjali għal Għawdex, minħabba li huwa ta' valur miżjud għoli u li jista' jseħħ minn kwalsiasi post. Mhux kull settur huwa adattat għal din it-tip ta' teknoloġija. Imma huwa settur possibli. Esperjenza importanti li kellna bħala Kamra fil-Gran Canaria, huwa ta' Istitut ta' riċerka. Għal min ma jafx il-Gran Canaria għalkemm parti minn Spanja jinsabu fl-Oċejan Atlantiku. F'din il-gżira li sa ftit snin qabel l-importanza prinċipali kienet fuq l-agrikultura u eventwalment it-turiżmu qed tinvesti b'mod sinifikattiv fir-riċerka. U f'dan l-istitut li llum jiġġenera miljuni jiġu prodotti permezz ta' l-*additive manufacturing* 'għadam' biex jintużaw f'operazzjonijiet kirurġiċi madwar id-dinja. Imma dan ma jistax iseħħ f'Għawdex? Iva huwa possibli. Imma jenħtieġu jseħħu ċerti kundizzjonijiet. Fosthom li ma nistgħux nibqgħu maqbuda fil-*low skills equilibrium trap*, ma nistgħux nibqgħu kuntenti bis-sitwazzjoni preżenti. Imma forsi wkoll inkunu idejalisti jekk naħsbu li f'ristrettezza ta' riżorsi umani nibqgħu nimxu biss bir-riżorsi umani lokali. Għalhekk minbarra sforz fl-edukazzjoni irid ikun hemm skemi li jattiraw nies professjonisti u riċerkaturi li jistabilixxu ruħhom hawn. Din mhix ħolma. Imma jenħtieġ sforz kollettiv u politika ekonomika reġjonali li tagħmel sens u li hija mibnija fuq direzzjoni ċara u inċentivi mirati lejn is-settur.

Grazzi!